

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6702 – Carlyle/BC Partners/Hamilton Sundstrand Industrial)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 275/07)

1. Fis-6 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha The Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti) u BC Partners Limited ("BCP", Guernsey), permezz tal-vettura ta' akkwist Silver II Acquisition Sàrl li hi proprjetà tagħhom b'mod konġunt (il-Lussemburgu), takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Hamilton Sundstrand industrijali ("HSI"), diviżjoni ta' Hamilton Sundstrand Corporation (l-Istati Uniti) li tappartjeni għal United Technologies Corporation (l-Istati Uniti), permezz tax-xiri ta' ishma fil-kumpaniji li jiffurmaw parti minn HSI: Sullair Corporation, Sundyne Corporation u Milton Roy Company.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Carlyle: maniġer tal-assi alternattivi globali, li jiffinanzja fondi li jinvestu globalment madwar erba' dixxiplini ta' investiment (akkwiżizzjoni, alternattivi ta' kreditu, tkabbir ta' kapital u l-proprjetà immobbli) f'medda ta' industrijali,
- għal BCP: il-ġestjon ta' fondi ta' investiment ta' ekwità privata,
- għal HSI: Il-manifattura ta' pompi u kompressuri industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6702 – Carlyle/BC Partners/Hamilton Sundstrand Industrial, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").